MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 203/2009/1

**Avukat Generali**

**v.**

**Kap tas-Servizz tas-Sigurta`, ir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali u, ghal kull interess li jista' jkollu, Marco Pace**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Generali pprezentat fit-3 ta' Marzu 2009, li jaqra hekk:

"**Dikjarazzjoni tal-oggett tal-kawza**

“Illi skond l-Artikolu 786(2) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, ir-rikorrent jista’ jidher f’kawzi li jinteressaw l-ordni pubbliku u sa fejn ghandu x’jaqsam l-interess pubbliku u ma tista’ tinghata l-ebda eccezzjoni tal-illegittimita` tal-persuna fil-konfront tieghu f’kawzi dwar l-istess;
“Illi din hi kawza li tinteressa l-ordni pubbliku u ghandha x’taqsam ma’ l-interess pubbliku;

“Illi l-Artikolu 18 tal-Att dwar is-Servizzi ta’ Sigurta` jipprovdi li:

“(1) Fi procedimenti li jsiru quddiem xi Qorti jew Tribunal, ma ghandha tingieb ebda prova u ma ghandha ssir ebda mistoqsija waqt kontro-ezami li (f’kull kaz) ittendi li tissugerixxi:

(a) li jkun sar jew ser isir reat taht l-Artikolu 15 (Projbizzjoni ta’ intercettazzjoni) jew 16 (zvelar ta’ messaggi ecc.) ta’ dan l-Att minn xi persuna minn dawk imsemmija fis-sub-artikolu (2) ta’ dan l-artikolu;

“jew

“(b) li jkun inhareg jew ikun ser jinhareg mandat *(warrant)* lil xi hadd minn dawk il-persuni;

“Izda ebda haga f’dan is-sub-artikolu ma ghandha titqies li tipprekludi l-kxif, filwaqt li tinghata xhieda, ta’ informazzjoni li tkun tista’ tinkixef skond dan l-Att jew taht kull depozizzjoni ohra tieghu.

“(2) Il-persuni msemmija fis-sub-artikolu (1) ta’ dan l-artikolu huma:

(a) Kull membru tas-Servizz tas-Sigurta`, ..................”;

“Illi fis-seduta tal-14 ta’ April, 2008 fil-Qorti tal-Magistrati, Malta bhala Qorti Istruttorja fil-kumpliazzjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Chris Pullicino) v. Marco Pace**, il-Qorti tat digriet illi permezz tieghu ddecidiet illi:

““Ghaldaqstant il-Qorti tordna lix-xhud Adrian Grima jesebixxi l-mandat li awtorizza l-intercettazzjoni tat-telefonata li trid tipprezenta l-prosekuzzjoni u tipprojbixxi lill-partijiet, f'dan l-istadju, milli jaghmlu domandi dwar il-kontenut tal-istess *warrant*.”

“Illi ghalkemm l-attur u l-konvenut Kap tas-Servizz tas-Sigurta` ghamel rikors ghar-revoka *contrario imperio*, tal-istess digriet (Dok A), il-Qorti tal-Magistrati kkonfermat l-istess ordni permezz ta' Digriet tas-27 ta' Frar 2009 (Dok B);

“Illi ghalhekk il-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` esebixxa l-imsemmija mandati;

“Illi tali ordni tal-Qorti tal-Magistrati u l-agir tal-konvenut Kap tas-Servizzi tas-Sigurta` in konformita` ma' l-istess hu manifestament kontra d-dispost tal-Artikolu 18 tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta` u jmur kontra l-ordni pubbliku u l-interess pubbliku u hu illegali;

“**<u>Ir-raguni tat-talba</u>**

“Illi l-Qorti tal-Magistrati ma kellha ebda setgha taghti tali ordni u jekk kellha xi dubju jekk l-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta` jmur kontra xi dritt protett bil-kostituzzjoni jew il-Kap. 319 hi setghet biss taghmel referenza tal-kwistjoni lill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fejn il-kwistjoni kienet tkun dibattuta u deciza bi dritt ta' Appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali;

“**<u>It-talbiet</u>**

“Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti prevja id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha xierqa u opportuni ma ghandhiex:

“1. tiddikjara illi l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati fuq riferit u l-agir tal-konvenut Kap tas-Servizz tas-Sigurta` in konformita` ma' tali ordni jmur kontra d-dispost tal-Artikolu 18 tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta` (Kap. 391) u

ghalhekk kemm l-istess ordni kif ukoll l-agir li sar minhabba fih huma illegali u ghalhekk nulli u bla effett;

“2. tordna lill-konvenut Registratur tal-Qorti biex minnufih jikkunsinna lura lill-konvenut Kap tas-Servizz tas-Sigurta` l-mandati minnu esebiti, u dan minghajr ma ssir ebda kopja tal-istess; u

“3. tordna lill-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` biex la jixhed dwar l-ezistenza *o meno* tal-imsemmija mandati u li jzomm ghandu l-istess mandati u ma jaghtihom lil hadd u lanqas jaghti kopja ta’ jew juri l-istess lil xi hadd, hlief lill-Kummissjunarju mahtur taht l-Artikolu 12 tal-istess Kap. 391 skond kif jiddisponi l-istess Att dwar is-Servizz tas-Sigurta`.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minnu issa ngunti ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-Kap tas-Servizz tas-Sigurta`(fol. 28) li fiha jinghad illi hu:

“...jaqbel illi kull ordni illi tmur kontra d-dispost tal-Artikolu 18 tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta` (Kap. 391) tivvjola l-istess Att u l-ordni pubbliku u hija karenti minn fundament legali u ghalhekk ghandha tigi dikjarata nulla u minghajr effett.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Marco Pace (fol. 30) li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, kif jista’ jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“2. Illi, preliminarjament, in-nuqqas ta’ kompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti biex tiddeciedi l-mertu odjern u dan in kwantu li din l-Onorabbli Qorti ma inghatatx bhala setgha, il-kompetenza ta’ Qorti tal-Appell minn digrieti interlokutorji moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati – id-dritt penali jipprovdi ghal dritt ta’ appell minn digriet interlokutorju biss lill-Qorti tal-Appell Kriminali flimkien

mas-sentenza finali fejn tali sentenza hija appellabbli, liema dritt ma japplikax ghall-proceduri istruttorji;

“3. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-irritwalita` tal-inkluzjoni tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali fil-proceduri odjerni, u dan stante li anke fi kwalunkwe kaz ta’ ezitu favorevoli ghall-attur, ser ikun impossibbli ghall-konvenut Registratur Qrati Civili u Tribunali illi jinforza s-sentenza li kapaci tinghata fil-konfront tieghu;

“4. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, in-nuqqas ta’ integrita` ta’ gudizzju, stante illi l-Kummissarju tal-Pulizija m’huwiex indikat bhala parti fil-kawza odjerna;

“5. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-illegittimita` tal-attur li jistitwixxi huwa stess din il-procedura stante li l-Artikolu 786(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jaghti dritt lill-Avukat Generali sabiex huwa **jidher** meta hekk awtorizzat mill-awtorita` kompetenti, f’kawzi li jinteressaw l-ordni pubbliku u sa fejn ghandu x’jaqsam l-interess pubbliku, **u mhux li jintavola proceduri huwa stess ghal dan il-ghan**;

“6. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, qieghed jigi eccepit l-intempestivita` tal-kawza odjerna, stante li l-Kodici Kriminali jistipula liema huwa l-*forum* kompetenti sabiex jiddeciedi jekk tali mandati ghandhomx jiffurmaw parti mill-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Marco Pace** u/jew humiex prova rilevanti li tista’ tingieb quddiem min sejjer jiggudika dan il-kaz;

“7. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Artikolu 18 tal-Att dwar is-Servizzi tas-Sigurta` (Kap. 391) m’ghandu qatt jigi interpretat b’mod illi jillimita f’kamp hekk essenzjali l-operat tal-Artikolu 397(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jaghti poteri ampji lill-Magistrat sedenti waqt proceduri penali sabiex issir investigazzjoni shiha tal-kaz in ezami fl-interess tal-

gustizzja, tenut kont ukoll tal-gravita` tal-akkuza mressqa kontra l-eccipjenti;

"8. Illi n-necessita` tal-produzzjoni tal-mandati in kwistjoni kienu rikjesti fl-interess tal-gustizzja, u wiehed ghalhekk irid jiddistingwi sew bejn dak li huwa neccessarju fl-interess pubbliku, u d-drittijiet fundamentali tal-esponenti, tas-smiegh u difiza xierqa, u sabiex ikunu zgurati li ma jkunx hemm abbuz ta' poter da parti tas-Servizzi tas-Sigurta` u l-Awtoritajiet l-ohra;

"9. Illi l-eccipjenti jissottometti bl-akbar rispett illi l-jedd tal-privatezza huwa r-regola, u l-ezercizzju odjuz tal-intercettazzjoni ta' komunikazzjonijiet privati, anke jekk jista' jkun meqjus bhala fl-interess ta' ordni pubbliku, ghandu jkun l-eccezzjoni li tintuza b'cirkospezzjoni u biss fejn assolutament necessarju, regolata mil-Ligi u kontrollata mill-awtoritajiet gudizzjarji, sabiex b'hekk jigu mharsa d-drittijiet fundamentali tac-cittadini, fosthom l-eccipjenti;

"10. Illi inoltre, l-interpretazzjoni moghtija mill-attur fil-premessi tar-Rikors Guramentat odjern, ikollha l-effett illi tipprekludi lill-imputat, ossia l-eccipjenti, milli jipprepara difiza adegwata u xierqa, billi jkun jista' jirreferi ghal provi li suppost jingiebu kontrih, kif inhuwa d-dritt fundamentali tieghu;

"11. Illi jezisti dubju serju dwar il-legalita` u validita` kostituzzjonali tal-Artikolu tal-Ligi citat mill-attur, u dan ghaliex fl-ewwel lok, qieghed jigi inferit fil-fatt, bi ksur lampanti tal-principju tal-Rule of Law, illi l-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta` huwa 'l fuq mil-Ligi, bi ksur lampanti billi ghandu poteri u mansjonijiet li l-Qrati taghna ma jistghux jissindikaw, b'mod ghalhekk illi poter gudizzjarju jigi effettivament ezawtorat biex il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta` f'dan il-kuntest illi ma jkunx soggett ghall-ebda kontroll f'materja ta' inkursjoni fid-drittijiet fundamentli tac-cittadin, senjatament id-dritt ta' privatezza – sitwazzjoni illi certament tirrazenta stat polizzjesk u ma setghet qatt kienet l-intenzjoni tal-Legislatur f'socjeta` moderna demokratika u ghalhekk jehtieg li dan il-punt jigi investigat bir-reqqa minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo fil-

gudizzju taghha ta’ Qorti ta’ Prim Istanza in materia kostituzzjonali;

“12. Illi jezisti dubju serju dwar il-legalita` u validita` kostituzzjonali tal-Kap. 391 tal-Ligijiet ta’ Malta fih innifsu, u l-prattika odjuza ta’ intercettazzjonijiet telefonici, in kwantu dawn huma lezivi tad-drittijiet fundamentali tal-Bniedem, kif sanciti fil-Kostituzzjoni ta’ Malta u fil-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, partikolarment l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, u dan in segwitu` tas-Sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Malone v. United Kingdom** u **Amann v. Switzerland**, u ghaldaqstant jehtieg li dan il-punt jigi investigat bir-reqqa minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo fil-gudizzju taghha ta’ Qorti ta’ Prim Istanza in materja kostituzzjonali;

“13. Illi essenzjalment, il-konsulenti legali tal-eccipjenti spjegawlu illi din il-kwistjoni, illi hija ta’ natura legali, hija essenzjali fil-harsien tad-drittijiet fundamentali tac-cittadin, senjatament id-dritt ta’ privatezza u d-dritt ghal difiza xierqa fi proceduri kriminali, u hija intiza sabiex, f’socjeta` demokratika, tassigura illi hadd, lanqas il-Kap tas-Servizzi ta’ Sigurta`, ma jkun ’il fuq mil-ligi u l-istess eccepjenti jaghmel tieghu l-argomentazzjoni legali tal-konsulenti tieghu.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Novembru 2009, li in forza taghha laqghet l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut Marco Pace fis-sens li dik il-Qorti ma kellhiex kompetenza biex tisma’ u taqta’ din il-kawza, bl-ispejjez jithallsu mill-attur;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Il-konvenut Marco Pace oppona għat-talbiet u ressaq bosta eċċezzjonijiet, fosthom illi din il-Qorti ma għandhiex il-kompetenza li tisma’ u taqta’ l-kawża tal-lum għax ma għandhiex il-kompetenza ta’ Qorti ta’ Appell minn digrieti interlokutorji mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati – appell minn digriet bħal dawk jingħata biss quddiem il-Qorti tal-

Appell Kriminali flimkien ma’ appell mis-sentenza finali, fejn dik is-sentenza tkun appellabbli, u ma jingħatax dak id-dritt dwar proċeduri istruttorji.

“Din l-eċċezzjoni tal-konvenut Marco Pace hija tajba.

“Kien fis-setgħa tal-Qorti tal-Maġistrati li tagħti digriet interlokutorju biex tirregola l-ġbir tax-xhieda quddiemha. L-Art. 397 tal-Kodiċi Kriminali dwar “Setgħa tal-maġistrat matul il-kompilazzjoni”, jgħid hekk:

““397. (1) Il-Qorti tista’ tordna t-taħrika ta’ xhieda u l-produzzjoni ta’ provi li jkun jidhrilha meħtieġa, … … … Il-Qorti tista’ tordna wkoll aċċessi, perkwiżizzjonijiet, esperimenti, u kull ħaġ’oħra li tinħtieġ biex il-ġabra tal-provi tal-kawża tkun kompluta minn kollox.”

“Is-setgħa tal-partijiet li jikkontestaw dawn id-digrieti hija limitata. Fil-fatt din il-fakoltà tingħata taħt l-Art. 415 meta l-Qorti tal-Maġistrati tkun Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, mhux Qorti Istruttorja, u, meta d-digriet ma jkunx wieħed li jżomm il-kawża milli titmexxa ’l quddiem, biss flimkien ma’ appell mis-sentenza definittiva, jekk din tkun appellabbli. Ma jingħatax appell minn digriet tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja.
“Dawn huma l-każijiet fejn il-liġi tħalli li jkunu kontestati digrieti kawtelatorji mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fi proċeduri penali, u l-partijiet ma jistgħux joħolqu proċeduri ġodda – bħal ma hi dik tal-lum – biex jikkontestaw digriet interlokutorju tal-Qorti tal-Maġistrati f’każijiet barra dawk imsemmija mil-liġi.

“Il-liġijiet dwar kompetenza tal-qrati huma ta’ ordni pubbliku, u għalhekk il-fatt illi l-Qorti tal-Maġistrati b’digriet tas-27 ta’ Frar 2009 tat żmien “sabiex l-Avukat Ġenerali jimpunja dan id-digriet tagħha tal-14 ta’ April 2008” ma jagħtix lil din il-Qorti setgħat illi ma għandhiex.

“Il-Qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi tilqa’ l-eċċezzjoni tal-konvenut Pace u tgħid illi ma għandhiex kompetenza biex tisma’ u taqta’ din il-kawża. L-ispejjeż għandu jħallashom l-attur.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali tal-20 ta' Novembru 2009 li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi talab li din il-Qorti joghgobha:

"......thassar u tirrevoka s-sentenza tat-3 ta' Novembru 2009 fil-kawza fl-ismijiet premessi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat Marco Pace."

Rat ir-rikors tal-appell tal-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta` li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab hu wkoll li din il-Qorti joghgobha:

"......thassar u tirrevoka s-sentenza tat-3 ta' Novembru 2009, fil-kawza fl-ismijiet premessi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat Marco Pace"

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:
Illi, bhala fatti, jirrizulta li l-konvenut Marco Pace ghaddej proceduri kriminali, b'dan li, f'dan l-istadju, ghada qed issir il-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja. Fost il-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni hemm traskrizzjonijiet ta' konversazzjonijiet li saru bit-*telephone* u li gew intercettati mill-Pulizija bis-sahha tal-poteri moghtija lilha bl-att dwar is-Servizz ta' Sigurta` (Kap. 391 tal-Ligijiet ta' Malta). L-imsemmi Marco Pace, f'dawk il-proceduri, talab li tigi esebita kopja tal-mandat (*"warrant"*, fit-test Ingliz) li awtorizzat dik l-intercettazzjoni. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) imsemmija, b'digriet tal-14 ta' April 2008, laqghet it-talba, u wara talba ghar-revoka *contrario imperio* li ressaq l-attur Kummissarju tal-Pulizija f'dawk il-proceduri, l-istess Qorti, b'digriet tas-27 ta' Frar, 2009, cahdet it-talba ghar-revoka tad-digriet precedenti taghha, izda ssospendiet l-effetti tieghu ghal zmien gimghatejn li fih l-attur kellu, f'kaz li hekk jidhirlu, jimpunja dak id-digriet.

L-attur, ghalhekk, istitwixxa din il-kawza fejn talab dikjarazzjoni li d-digriet imsemmi tal-14 ta' April 2008, huwa bi ksur tal-ligi u ma jiswiex.

Il-konvenut Marco Pace eccepixxa preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza tal-qrati civili, eccezzjoni li l-ewwel Qorti laqghet ghar-ragunijiet imfissra fis-sentenza appellata.

L-Avukat Generali u l-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta` appellaw mis-sentenza bil-gravam ikun illi la darba l-ligi kriminali appozita ma tipprovdix rimedju ghal kaz ta' zball jew nuqqas tal-Qorti fil-kors tal-istruttorja, il-mod ta' impunjazzjoni huwa b'kawza *ad hoc* quddiem il-qrati civili.

Din il-Qorti tara li l-appellanti ghandhom ragun fl-appelli taghhom. Bhala principju hu stabbilit li l-Prim Awla tal-Qorti Civili "ghandha *a residual jurisdiction* f'materji li m'humiex espressament vestiti f'xi Qorti jew Tribunal adjukattiv iehor" (**Pavia v. Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp**, deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' April 2001), u kwindi l-kompetenza ta' dik il-Qorti li tissindika l-agir ta' tribunali ohra ma jistax jigi kontestat. Issa, f'dan il-kaz, kif anke jaqblu l-partijiet, il-proceduri pendenti kontra l-konvenut Marco Pace ghadhom fl-istadju ta' kumpilazzjoni ta' provi (ossia quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja), u l-ligi ma tipprovdix ghal dritt ta' appell minn xi ordni maghmula waqt dawk il-proceduri ta' istruttorja.

Hu veru li, jekk il-kaz eventwalment jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali (permezz ta' Att ta' Akkuza), il-ligi tipprovdi kif u fejn, min hu interessat, jista' jikkontesta l-provi, bid-dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, pero`, dan jista' jsehh <u>fi stadju iehor tal-proceduri</u>, stadju li mhux bilfors ghalih jaslu dawk il-proceduri kriminali, u dan ghal diversi ragunijiet li din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tidhol fihom.

Il-materja in kwistjoni – jekk ghandhiex issir il-prova tal-mandat – hija wahda ta' ordni pubbliku ghax tista' tolqot is-sigurta` tal-pajjiz, u jekk Qorti Inferjuri taghti ordni li, skond l-appellanti, imur direttament kontra dak li tipprovdi

l-ligi (Artikolu 18 tal-imsemmi Kap. 391), allura dik l-ordni jisthoqilha li tkun mistharga mill-qrati ta’ kompetenza superjuri. L-Avukat Generali qed jallega li l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati li awtorizzat l-esebizzjoni ta’ dak il-mandat hija *ultra vires* il-kompetenza tal-istess Qorti, u la darba materja ta’ kompetenza u gurisdizzjoni hija, f’kull kaz, wahda ta’ ordni pubbliku, irid ikun hemm mod ta’ stharrig. Dan intqal ukoll minn din il-Qorti fil-kawza **Kontrollur tad-Dwana v. Zammit et**, deciza fid-9 ta’ Jannar 1984, li fiha din il-Qorti rrimarkat li kienet ghamlet sew il-Prim Awla tal-Qorti Civili, “li kienet vestita b’gurisdizzjoni u kompetenza”, li tiddikjara bhala null u bla effett ordni tal-Magistrat fi proceduri kriminali.

Fil-fehma tal-attur appellant, kif ukoll fil-fehma tal-appellant l-iehor il-Kap tas-Servizz tas-Sigurta`, il-Qorti tal-Magistrati f’dan il-kaz, meta awtorizzat il-prezentata tal-mandat nonostante d-divjet kontemplat fl-imsemmi Artikolu 18, agixxiet *ultra vires*, ghax ezercitat kompetenza li ma kellhiex.
Din il-Qorti mhux qed tghid li l-Qorti Istruttorja agixxiet *ultra vires* il-poteri taghha, ghax dak hu mertu li lanqas ma gie diskuss mill-ewwel Qorti; li qed tghid hu, li dik l-allegazzjoni trid tigi mistharrga minn dawn il-qrati, ghax materja ta’ kompetenza, wisq aktar, meta tkun marbuta ma’ kwistjonijiet ta’ sigurta`, hija ta’ ordni pubbliku. Il-kaz mhux wiehed ta’ semplici ezercizzju ta’ diskrezzjoni dwar rilevanza o meno ta’ prova, izda, dejjem skond l-appellanti, hu kaz fejn il-Qorti injorat divjet espress fil-ligi, u meta jkun hekk, jekk il-ligi specjali ma tipprovdix rimedju, tidhol fix-xena l-gurisdizzjoni generali tal-qrati civili li jistharrgu dik l-allegazzjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appelli interposti mill-Avukat Generali u mill-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` billi tilqa’ l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-3 ta’ Novembru 2009, u tghaddi biex tichad l-eccezzjoni tal-konvenut Marco Pace dwar il-kompetenza tal-ewwel Qorti li tisma’ u taqta’ l-kawza (l-eccezzjoni numru 2), u wara li tirriafferma l-kompetenza tal-ewwel Qorti, tibghat l-atti lura ghall-quddiem dik l-ewwel Qorti biex din tkompli tisma’ l-kaz u

tiddecidieh skond il-ligi.  Hu appena neccessarju li jinghad li galadarba l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata u issa revokata, ma dahlet b'ebda mod fil-meritu tal-kwistjoni, ma jidhirx li ghandu jkun hemm lok ta' astensjoni quddiem dik il-Qorti.

L-ispejjez kollha marbuta ma' din l-eccezzjoni ghandhom, fic-cirkostanzi, jithallsu bin-nofs bejn l-Avukat Generali u l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` min-naha 'l wahda, u Marco Pace, min-naha l-ohra.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------